**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 213/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Galea**

Illum, 25 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant, Joseph Galea, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 293290M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xahar ta' Lulju u Awwissu 2018, fil-Gżejjer Maltin, huwa naqas li jagħti lil Geraldine Sammut is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għall-uliedu u/jew martu, fi żmien ħmistax -il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputat u wara li rat l-Artikoli 7, 12 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundanatu għal xahar (1) detenzjoni effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Galea, ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2021, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2018, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, minn fejn jirriżulta illi l-appellant ħallas parti mill-ammont dovut lil parti offiża u ċioe' s-somma ta' ħamsin (€50) Ewro, biex b'hekk kien għad fadal bilanċ pendenti ta' ħames mija u ħamsin (€550) Ewro.

Rat li nhar it-28 t'Ottubru 2019, l-appellant irreġistra ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti għall-akkuża dedotta kontrih.

Rat li nhar id-29 t' Ottubru 2021, il-parte ċivile xehdet quddiem din il-Qorti li ma kien sar l-ebda ħlas mill-bilanċ pendenti dovut lilha mill-appellant.

Rat li fl-istess seduta tad-29 t'Ottubru 2021, l-appellant iddikjara quddiem din il-Qorti li fl-4 ta' Novembru 2021 huwa kien ser jgħaddi ħlas ta' mitt (100) Ewro bħala parti mill-ammont dovut lill-parti leza billi bħalissa jinsab inkarċerat.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2021 ma saret l-ebda dikjarazzjoni li sar xi pagament lill-parte ċivile mill-appellant fil-mori tal-proċeduri odjerni.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku *gravam* sottopost għal gudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, liema piena, l-appellant jikkontendi, hija waħda esaġerata u li b'r-rizultat ta'l-istess huwa ser ikun prekluż milli jkompli jħallas il-manteniment dovut. Dan ser joħloq preġudizzju għal wild minuri tiegħu. L-appellant jikkontendi li huwa kien fl-impossibilita' li jħallas il-manteniment minnu dovut u dana minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari li jinsab għaddej minnhom f'ħajjtu.

Illi ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe`

din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1].

Illi l-appellant ġie mixli u misjub ħati mill-Ewwel Qorti illi naqas milli jħallas il-manteniment dovut lil parti offiża Geraldine Sammut għax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2018. Jirriżulta mill-Atti Proċesswali li l-ammont dovut lill-parte ċivile għal dawn ix-xahrejn ilaħħaq is-sitt mitt (€600) Ewro, minn liema ammont tħallset is-somma ta' ħamsin (€50) Ewro mill-appellant nhar id-19 ta' Novembru 2018. Illi minn din id-data 'il quddiem ma jidhirx illi l-appellant ħallas il-bilanċ rimanenti.

Illi, għalhekk huwa bil-wisq evidenti illi l-appellant naqas milli jottempera ruħu mal-obbligi tiegħu skont il-Liġi. Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Jacqueline Zammit":[2]

> **"... ġie ritenut li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jiġu osservati skrupolozament u mingħajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella faċilment f'kawzi bħal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-partijiet dwar diversi affarijiet, din il-Qorti tiġi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Ċivili . Ir-rimedju ta' min ikun iħossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Ċivili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar aċċess mhuwiex li jieħu l-liġi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aġġustament tiegħu"**.

Illi bl-ammissjoni nkondizzjonata tal-appellant, iż-żewġ elementi meħtieġa sabiex jissussiti dan ir-reat kontravvenzjonali, u cioe' illi jeżisti l-obbligu għal ħlas ta' manteniment, kif ukoll li tali manteniment baqa' ma tħallasx fi zmien ħmistax (15) -il jum minn dak il-jum li fih kellha titħallas is-somma dovuta, ġew ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi. *In oltre*, ma jirriżultax mill-atti illi dan l-obbligu tal-ħlas ġie revokat jew riformat jew ddikjarat null minn Qorti kompetenti jew li kienet saret xi forma ta' rikonċiljazzjoni. Illi, hekk kif ġie deċiz f'sentenza oħra ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Mario Mallia"[3] –

> **"...ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9, hu rrilevanti**

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.
[2] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta Mejju 2003.
[3] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta Mejju 1998.

**meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal- Kodici Kriminali ...".**

Illi, ukoll, kif irriteniet din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Camilleri"[4] fejn għamlet riferenza għal sentenza oħra ta' din l-Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Anthony Saliba"[5], meta jkun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet, bħal per ezempju meta persuna tispiċċa bla impjieg, dan ma jfissirx li hi tista' tagħzel li tinjora l-obbligu mpost fuqha. Huwa biss wara li l-Qorti kompetenti tawtorizza tali tibdil li l-obbligu jiġi varjat. Sakemm dan isir pero', l-awtur tar-reat jibqa' marbut bl-obbligu tal-ħlas oriġinali bl-ammonti mposti oriġinarjament.

Illi, għalhekk, dina l-Qorti ma tistax ħlief tikkundanna l-imġieba tal-appellant li għoġbu ma jottemperax ruħu mal-obbligi minnu assunti u fuq kollox li ma jipprovdiex għall-għejxien u l-edukazzjoni ta' uliedu. Fil-fatt minn daqqa t' għajn lejn il-fedina penali piuttost voluminuża tiegħu jirriżulta illi l-appellant għandu diversi kundanni għall-istess vjolazzjoni tal-liġi marbut ma' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment. Illi għaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, u in vista tal-fatt li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-Liġi, il-Qorti tqis li l-aggravju mressaq mill-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier tagħha.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur**

---

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta Settembru 2002.
[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1998.